# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 12 – L-ERBGĦA 23 TA' OTTUBRU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Bugeja kien skuża ruħu mil-laqgħa minħabba li ħareġ mill-isptar riċentament u kellu bżonn tal-mistrieħ.

Is-Sindku talab lill-Kunsill jingħaqad f'talba qasira sabiex

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 10 U 11

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir għaż-żewġ settijiet ta' minuti u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Fir-rigward ta' para. 3 mill-Minuti tas-Seduta Nru. 11, is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu ltaqgħu mal-offerent Noel Borg rigward it-tiżjin tal-Milied fejn għall-prezz ta' €3200 huwa offra li jifrex il-mejnijiet tal-elettriku bħalma għamel is-sena li għaddiet u jibqa' sejjer sa ħdejn l-Iskola Primarja kif ukoll addizzjoni ta' 4 biċċiet tiżjin tal-Milied kbar biex jeħlu viċin il-ġnien il-ġdid kif ukoll waħda quddiem il-Kunsill. Huwa kien offra wkoll gratwitament li jagħmel fustun għal fuq il-bejt tat-torri tal-arloġġ u jieħu ħsieb ipoġġih u jaqilgħu hu.

2.2 Fir-rigward ta' para. 2.1 mill-Minuti tas-Seduta Nru. 10, is-SE infurmat li dakinhar kien sar it-tqattigħ tal-konkos u sa jumejn oħra se jitgħatta bil-*hot asphalt*.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para 2.5, fl-aħħar kienet ġiet infurmata li se jintbagħat inġinier min-naħa tal-HA sabiex jivverifika x-xogħol li kien sar mill-

Awtorità xi snin ilu. Fir-rigward tal-appuntament maċ-*Chairperson*, s'issa kienet baqgħat tibgħat il-korrispondenza u għadha ma rċievitx lura min-naħa tagħha.

2.4 Fir-rigward ta' para. 2.6, is-SE infurmat li kienet innutat *improvement* fis-servizz tal-ġbir tal-iskart u ħafna mill-iskips ġew irranġati.

2.5 Rigward para. 3.4, is-SE infurmat li kienet għadha ma bagħtitx il-korrispondenza dwar is-sinjali ta' wara Binja Tifkiriet Puniċi, u tal-parkeġġ fi Triq San David.

2.6 Is-SE irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha tal-koperazzjoni waqt l-elezzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u f'isem il-Kunsill ferħet lill-Kunsillier Anton Mifsud li kien rebaħ din l-elezzjoni.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li l-attività ta' Military Mtarfa kienet marret tajjeb ħafna. Huwa tenn li jidher li d-deċiżjoni li tinżamm ġewwa post wieħed, fl-Iskola Sekondarja, ħadmet favorevolment kif mistenni. Huwa informa li fi ftit ġimgħat oħra, bl-għajnuna tal-għaqdiet u tas-sottokumitat tal-attivitajiet kien se jsir il-post mortem tal-attività.

3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir siġra bil-flieken tal-plastik fiċ-ċentru tal-Imtarfa. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tikkordina x-xogħol mal-ħaddiema tal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu mistiedna biex jattendu għal-*launch* tal-iskema tal-attivitajiet kulturali mill-Onorevoli Jose Herrera.

3.4 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-kuntratti tat-traqqigħ, bankini u xogħlijiet minuri, is-SE infurmat li ma kienx għad kellha ċans taħdem fuqhom. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li jiddaħħal ukoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ mal-kuntratt tax-xogħlijiet minuri.

3.5 Is-Sindku informa li l-GreenMT kienu qed jissuġġerixxu li l-bring in site ta' ħdejn l-Iskola Sekondarja titmexxa minn ħdejn l-iskips l-oħra minħabba li qed tiġi abbużata. Kien hemm qbil unanimu li dawn m'għandhomx jiċċaqalqu minn fejn qegħdin.

3.6 Is-Sindku informa li kienet waslet kommunikazzjoni fejn il-Kunsill kien qed jintalab iħallas madwar €3500 f'kontijiet pendenti lill-ARMS għat-torri tal-arloġġ filwaqt li l-kumplament kien se jinqasam bejn l-Awtorità tad-Djar u l-GPD. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib il-parir tal-avukat.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar diskrepanza fil-kont tal-kuntrattur Christ Gatt minħabba li r-rati li kien ikkalkula l-kontijiet tiegħu kienu għaljin aktar milli ddiskjara fl-ittra tal-offerta tiegħu u li fuqha ġiet ibbażata d-deċiżjoni tal-Kunsill (il-parti tal-finanzi). Hija infurmat li l-ħlas dovut kien inħadem fuq ir-rati aktar baxxi li kien offra fl-istess kuntratt..

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE

4.3 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Settembru. Kopja tiegħu hija annessa.

## 5. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

5.1 Is-SE fakkret li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li jagħmel laqgħa ġubblika għar-residenti tal-lokalità kollha. Kien hemm qbil li din għandha ssir nhar l-20 ta' Frar 2014.

## 6. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI NRU. MTFLC/Q/02/2013 – *ONLINE STREAMING*

6.1 Is-SE infurmat li kien hemm 4 offerenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik ta' ICT.

6.2 Hawnhekk il-laqgħa twaqqfet temporanjament sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-Perit Robert Grech. Il-ħin kien it-8:30pm.

6.3 Il-laqgħa tkompliet fid-8:45pm.

## 7. ATTIVITAJIET U DAWL TAL-MILIED

7.1 Il-Kunsill approva li l-Kunsill għandu jerġa' jorganizza l-attività tal-Imtarfa Christmas Market flimkien mal-Imtarfa FC. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Mifsud għandu jkun fuq is-sottokumitat tal-attività tal-MCM flimkien mas-Sindku, il-Viċi Sindku, rappreżentanti tal-Mtarfa FC u s-Sinjuri Stephen u Charmaine Bonello.

7.2 Il-Kunsill approva l-offerta tas-Sur Noel Borg għat-tiżjin tal-Milied, skont kif l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u l-punti msemmija f'para. 1 aktar 'il fuq.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Is-SE infurmat l-electrician tal-Kunsill kien infurmaha li kien hemm bżonn li jinbidlu xi mejns u jsiru xi xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni fuq id-dawl tal-pjazza. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

8.2 Sadanittant infurmat ukoll li kien daħħal żewġ applikazzjonijiet għal dawk fil-parkeġġi ta' Binja Qlejgħa filwaqt li l-floodlights għall-parkeġġ ta' faċċata tal-Kunsill kien beda jinxtegħel mad-dawl tal-pjazza kif miftihem.

## 9. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru 2013 fis-7:30pm.

____________________________
**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

____________________________
**Daniel John Attard**
**Sindku**